# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf
















BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 72 Jannar - Frar 2006

# x'għandna?


editorjal 2
Aħbarijiet 3
X'għandna mid-dinja? 4
X'se Naraw? 5
Attività 6
Ittra 6
Gallerija 7
Tisliba 7
Falko 8
Il-Pajsaġġ 9
Sibtha fix-Xibka 10
Daħħal membru 10
Serengeti 11
In-Narċis 12




# Hej Ħuttaf!

Tiftakru ż-żewġ ritratti fuq wara ta' l-aħħar *Huttafa*? Wieħed juri x-Xagħra l-Ħamra kif inhi bħalissa, u l-ieħor ċappa ħadra kif irid jagħmilha min ħolom bil-golf course.

Ftit ilu xi ħadd rahom u qalli: "Kos, jiġi isbaħ il-post kollu ħdura!" Issa dan li qalli hekk iħobbha ħafna n-natura. Allura kif jippreferi deżert aħdar? U min jaf, forsi anke intom għoġbithom dik il-pjanura ħaxix. Nifhimkom tafux!

Ta' Maltin li aħna, li ngħixu fuq art niexfa, ftit art ħadra ġġenninna! Forsi tfakkarna f'xi dokumentarju li rajna, jew xi post sabiħ fejn sifirna. Għandkom raġun tixxenqu għal ftit ħaxix aħdar frisk, għax l-istaġun tal-ħdura f'Malta huwa qasir wisq!



Imma d-dehra mhix kollox. Fin-natura hija importanti ĦAFNA l-varjetà (aħna l-ambjentalisti nsejħulha bijodiversità). Meta jkollok art miksija ħaxix maqtugħ qasir qisu t-terf fil-grawnd tal-futbol, għan-natura dak ma jiswa xejn. Xejn, għax fjuri xejn, u allura insetti xejn. U għal ħafna annimali (gremxul, wiżgħa, kamalejonti, brimb, għasafar eċċ) post bla insetti huwa post fqir, vojt u bla ikel. Allavolja aħdar! Għalhekk sejjaħnielu deżert. Ma kinitx ċajta dik.

Araw il-qoxra ta' wara ta' din il-ħarġa. Did-darba wkoll ġibna roqgħa art ħadra, imma x'differenza ħej! Hemm dak il-ġmiel (u fwieħa) ta' narċis min jaf in-naħal u l-friefet x'festa ħa jagħmlu minnu. DIK natura sabiħa! DAK ambjent ħaj!

Ċaw ħbieb, u qis li narawkom għall-mixja f'Marzu ;-)

**Victor Falzon** L-Editur



Il-**kuluvert tas-salib** (shelduck *Tadorna tadorna*) hija waħda mill-ikbar borkiet li żżurna. Jgħidulha tas-salib għax barra l-faxx kannella ma' sidirha, għandha faxx ieħor iswed nieżel ma' żaqqha. Bejniethom, dawn iż-żewġ faxex jiffurmaw bħal ittra T, speċi ta' salib. Din hi waħda mill-ftit borok li l-kaċċaturi m'għandhomx permess jisparawlha (taparsi!).


**Kumitat Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Kathleen Mamo, Mariangela Meli.



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel [illegible] feks [illegible] imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin [illegible]



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat basta mhux għal skop kummerċjali, u basta jissemma' isem il-magażin u tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Frar 2006
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata: Kuluvert tas-Salib, ritratt ta' Denis Cachia, meħud l-Għadira
Qoxra ta' wara: narċis, ritratt ta' Victor Falzon, meħud fil-Foresta 2000
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm3 fis-sena.**




# ...u NSTABET!

Wara kważi seklu mitlufa, reġgħet instabet tikber f'Malta pjanta rari immens. Din hija l-**felċi rqiqa** (maidenhair spleenwort *Asplenium trichomanes*).

Il-felċi (ferns) huma pjanti li jħobbu ambjent niedi, għalhekk pajjiżna ma tantx hu tajjeb għall-felċi, għax niexef wisq. Fil-fatt jikbru biss 4 speċi ta' felċi f'Malta, u waħda minnhom hija l-felċi rqiqa. Imma tant kienet rari li l-aħħar li rawha tikber kien fl-1920ijiet.

Fil-fatt meta ħareġ ir-Red Data Book (1989) din il-felċi tniżżlet EXTINCT, għax ħasbuha spiċċat minn Malta (red data book huwa ktieb li jkollu lista ta' flora u fawna rari jew endemiċi).

Imma f'Ottubru 2005 il-ħabib tagħna Timothy Tabone, espert tal-pjanti, kien miexi f'Ta' Ċenċ (Għawdex) u sabha tikber mal-blat. Prosit Timmy!

Din aħbar tajba għalina li nħobbu n-natura, għax nieħdu gost meta tinstab pjanta li nkunu ħsibna li spiċċat.

Imma fl-istess ħin tista' tkun ukoll aħbar ħażina. Għaliex? Għax ftit metri minn fejn instabet, hemm maħsub proġett ta' ħafna bini. Aqraw hawn



## Issa jridu joqtlu lil

# Ta' Ċenċ

Ta' Ċenċ huwa wieħed mill-isbaħ postijiet li hemm Għawdex. Tajjeb għall-mixi, tajjeb għall-berdwoċing, tajjeb għal min iħobb il-fjuri u għal min iħobb il-fdalijiet ta' żmien il-ħaġar, tajjeb għal min iħobb il-kwiet, il-beraħ, il-veduti.

Post bħal Ta' Ċenċ imissu huwa protett għal dejjem ta' dejjem. Imma mhux hekk hu fil-fatt. Anzi bil-maqlub! Ilu s-snin jaqla' ġo fih.

Il-kaċċaturi xebgħu joqtlu għasafar hemmhekk. L-aħħar par bisien ta' pajjiżna kienu jbejtu f'Ta' Ċenċ, u bit-tiri tas-senter spiċċaw. L-istess ġralu l-barbaġann li kien ibejjet fil-viċin.

In-nassaba rvinaw u faqqru l-art bil-bexx li xerrdu sena wara l-oħra fuq is-sagħtar u fuq l-orkidi u ż-żagħfran, biex jikxfu l-blat ħalli jkollhom fejn jifirxu x-xbiek biex jaqbdu l-għasafar.

**U issa (mill-ġdid) hemm il-periklu li Ta' Ċenċ jintradam taħt lukanda u vilel, bangalows u pixxini... u s'intendi korsa tal-golf (saret moda issa!!).**

Jekk isir dan il-proġett, se jitkisser il-ġmiel u l-maġija ta' Ta' Ċenċ. Jispiċċa l-għana tal-merill, it-tisfir tal-bufula ħamra u t-tinwiħ taċ-ċief li jbejjet ma' l-irdum.






# Sabu ġenna ta' l-art!




**Qalb il-ġungli li jiksu l-Muntanji Foja fil-punent tal-gżira Papua... għadhom kemm sabu ġenna ta' l-art naturali!**

Ix-xjenzati mhux soltu jeċitaw irwieħhom daqshekk, imma meta tara x'sabu, tifhem għaliex! Sabu post b'għexieren ta' speċi ġodda ta' flora u fawna, fosthom 5 palm, fjuri ġganti, 20 speċi ta' żring, 4 speċi ta' friefet, u anke għasfur ġdid - tip ta' *honeyeater*. Minħabba li diffiċli ħafna biex tasal f'dawn l-inħawi (it-tim niżlu minn ħelikopter), ħadd ma kien għadu qatt rifes hemm. Lanqas in-nies indiġeni, li ilhom jgħixu Papua sekli sħaħ, ma jafu bih jew għandhom leġġendi ta' dal-post. Insomma art kompletament verġni. Mhux ta' b'xejn qed ixebbħuh mal-Ġnien ta' l-Eden! U mhux ta' b'xejn bi ħsiebhom jerġgħu jmorru aktar tard dis-sena.

Dik il-parti tal-Papua jisimha Irian Jaya, u tifforma parti mill-Indoneżja.


honeyeater


ekidna


epifiti


żring

## Baxxi dak id-dawl!

Minn April 2006, fir-Renju Unit (United Kingdom), id-dwal kollha ġodda li jitwaħħlu barra jridu bil-liġi jkunu jħarsu 'l isfel. Inkella multa! Dan qed isir biex tonqos il-*light pollution*. Minħabba li hawn wisq dwal li jħarsu 'l fuq, f'ħafna postijiet is-sema filgħaxija ma tiddallamx. Il-problema tikber meta fl-arja jkun hemm id-dħaħen mill-fabriki u l-karozzi. Flok sema iswed karg mimli kwiekeb iteptpu, f'xi bliet jaraw biss ċappa kannella mdennsa.

Dawk li jħobbu l-astronomija naturalment ħadu gost bl-aħbar.



## Kitridjomikożi



Dan xi kliem hu!?!

Dik hija l-isem ta' marda misterjuża li qed toqtol iż-żrinġijiet tad-dinja. Ix-xjenzati kienu ilhom jissuspettaw li dil-marda (chytridiomycosis) qed tinfirex għax il-klima tad-dinja qed tisħon. Issa m'għadhomx jissuspettaw. Issa HUMA ĊERTI.

Kif għedna m'ilux fil-Huttafa, terz (= xi 1200 speċi) mill-amfibji tad-dinja qegħdin fil-periklu li jisparixxu. U t-tort huwa tagħna. Id-dinja qed tisħon għax qed nitfgħu wisq dħaħen fl-arja. Jekk naħlu inqas dawl, niffrankaw iktar dħaħen.

Għalhekk issa jekk taraw lampa mixgħula għalxejn, itfuha malajr, u jekk xi ħadd jistaqsikom x'għaġla hemm, għidulu "Ma rridux iktar żrinġijiet imutu bil-kitridjomikożi!" :-)

Naħseb jibqa' b'ħalqu miftuħ, u forsi jitlobkom tispjegawlu :-). F'dak il-każ toqogħdux lura, għallmuh!




# X'se naraw?

**Jason Aloisio** jgħidilna kif naraw u nagħrfu xi għasafar li jkunu magħna f'daż-żmien tas-sena.



## il-Ħawwiefa

House Martin – Delichon urbica

Għasfur komuni li spiss jidher fi qtajjiet itir, jew jistrieħ fuq wajers tad-dawl. Tingħaraf bla tbatija mit-tebgħa bajda li tispikka fuq daharha. Minn fuq hija blu skur (jidher iswed) u żaqqha bajda. Denbha mifruq forma ta' V, u iqsar minn tal-ħuttaf.

Bħall-ħuttaf, il-ħawwief iqatta' ħinijiet twal itir biex jaqbad l-insetti. Meta tinzerta qatgħa mħallta ta' ħawwief u ħuttaf ipprova qabbel id-differenzi fit-titjira taż-żewġ għasafar. Tal-ħawwiefa hi inqas mgħaġġla għalkemm il-ġwienaħ tferfirhom iktar. Spiss tigglajdja bil-ġwienaħ miftuħin dritti u aktarx li żżomm iktar fl-għoli mill-ħuttaf.

Kultant xi par ibejjet f'Malta.

(*Għasafar Madwarna* p 31)

## il-Ħuttafa

Barn Swallow – Hirundo rustica

Mad-daqqa t'għajn tixbaħ sew lill-ħawwiefa imma mhix diffiċli biex tagħrafhom minn xulxin. Il-ħuttafa tkun ftit ikbar, u ż-żewġ pinen ta' denbha itwal mhux ħażin minn tal-ħawwiefa. Il-ġwienaħ ukoll huma itwal. M'għandhiex id-dabra bajda tal-ħawwiefa u daharha jagħti iktar fil-blu. Minn taħt tista' tkun bajdanija jew ħamranija. It-titjira hi mgħaġġla u b' saħħitha. Tinżel fil-baxx ħafna hi u ttir wara l-insetti. Meta qatgħa ħuttaf tinġabar fuq xi ġibjun jew firxa ilma ħelu, għandek mnejn tarahom jitbaxxew biex jixorbu u ġieli anke jmissu l-ilma għal mument biex jinħaslu.

Bħall-ħawwief, xi par ħuttaf kultant jibqa' magħna biex ibejjet.

(*Għasafar Madwarna* p 30)

Jekk għandek l-internet, idħol fil-websajt tal-BirdLife **www.birdlifemalta.org,** klikkja KLABB ĦUTTAF, imbagħad klikkja X'SE NARAW? u ssib iktar ritratti taż-żewġ għasafar u anke tisma' l-ħoss li jagħmlu. Grazzi lil Denis Cachia li jieħu ħsieb il-websajt.




L-istampi t'hawn fuq meħudin mill-ktieb ***Għasafar Madwarna***. Il-BirdLife ħarġet dal-ktieb apposta għal min irid jibda l-berdwoċing minn età żgħira. Fih tagħrif sempliċi fuq 100 għasfur, u bil-kulur minn qoxra sa qoxra. U **Lm2.05** biss! Jekk għad m'għandekx... x'qed tistenna? Ċemplilna fuq 21347646 u ordna wieħed.



# Ħawwilna koċċ!



Desirée Falzon

Il-Ħadd **8 Jannar 2006** kellna ħarġa tal-klabb għat-Taflija (ħdejn l-Għadira). Rajna u smajna diversi għasafar, eż: margun, vrieden, psiepes u sturnell, imma morna hemm l-iktar mhux għall-berdwoċing, imma biex **inħawlu koċċ siġar fil-Foresta 2000**.

Foresta 2000 hija proġett kbir ta' taħwil li bdietu l-BirdLife. Ir-rejnġer Ray Vella spjegalna fuq il-proġett u ħadna dawra ma' parti mill-foresta. Rajna eluf ta' siġar żgħar qed jikbru. Ir-rejnġer qalilna li **diġà hemm mas-7000 siġra mħawlin**.

Fl-aħħar morna nħawlu ftit siġar aħna wkoll. Ħawwilna daqs 40 siġra, fosthom żnuber, għargħar, imbrijagla, alaternu u deru. Imtlejna tajn, imma ħadna gost xorta, għax għamilna ftit ġid lill-ambjent naturali.

Eżatt kif spiċċajna qabdet ix-xita. Donnha kienet qed tistenniena nlestu, ħalli ssaqqi s-siġar li ħawwilna!

# Issa ħa **nimxu** koċċ!




Aqtgħu saqajn min huma dawn! It-tweġiba fil-Huttafa li jmiss! :-)

Kif taraw mill-isponsorsheet li waslitlilkom ma' din *Il-Huttafa*, **reġgħet waslet il-mixja** tal-Klabb.

Din il-mixja ma ssirx biss biex ingawdu l-arja u l-veduti tal-kampanja, imma anke biex niġbru xi flus. B'dawn il-flus il-BirdLife tixtri apparat li jkollha bżonn. Per eżempju bil-flus tal-mixja tas-sena l-oħra **xtrajna 29 tromba** biex jużawhom l-istudenti meta jżuru r-riserva ta' l-Għadira. Dis-sena nixtiequ nixtru multimedia projector, għax il-BirdLife tagħti ħafna taħditiet (talks), speċjalment fl-iskejjel.

Dis-sena jistgħu jiġu wkoll gruppi minn skejjel primarji. Għalhekk jekk inti tattendi skola primarja, **ħajjar lill-għalliema** jgħaqqdu grupp ħalli tieħdu sehem. B'hekk barra r-rigali li jitqassmu lil min jiġbor xi flus, l-iskola tiegħek tieħu wkoll punti fid-Dinja Waħda 5.

data: **il-Ħadd 19 Marzu 2006**
niltaqgħu: fit-**8.30am** quddiem il-**Villa Rumana** (Rabat)
nispiċċaw: fix-**Xemxija** xi **nofsinhar**
Età: **kulħadd!** (familja u ħbieb merħba, basta lesti jimxu!)
Ġibu: l-isponsorsheet u xi flus li tkun ġbartu; x'tieklu u x'tixorbu. Titgħabbewx wisq (l-aħjar tużaw basket tad-daħar)



## akkanit

Sur Editur,

Jien daħħalt tlett itfal oħra fil-klabb, infatti daqt jew diġà waslu l-ittri tagħhom. Fil-berdwoċing sejjer mhux ħażin. Daqqa tara ħaġa, daqqa oħra. M'ilux rajt zakak tad-dell, u ġieli taħsadni xi fjamma sewda. Kultant jidher xi sturnell jew nisma' vjolin tax-xitwa jgħanni. Il-pitirrossi joħduli rasi! Il-bieraħ smajt buċaqq tax-xitwa, imma l-buful iswed ma ħallewnix nissemma' sewwa.

Insomma ngħid għalija nirrilassa bil-berdwoċing. Issa se nħallikom biex immur nagħmel ftit... berdwoċing! Ċaw!

**Ludwig Camilleri**
(messaġġ bl-imejl)

*Hej Ludwig,*

*Ġmielek tara l-għasafar xbin! J'alla tibqa' hekk sa ma tikber, u ssir iktar akkanit. Il-BirdLife dejjem ikollha bżonn nies li jżommu rekord ta' dak li jaraw. Għalkemm huwa passatemp, il-berdwoċing jista' jkollu valur xjentifiku.*

*U prosit tal-membri li qed iddaħħal fil-Klabb. Intom il-membri l-aqwa riklam għall-Għaqda għażiża tagħna.*

*L-Editur*

**Ibaghtulna t-tpinġijiet naturali taghkom!** imma mhux ta' annimali domestiċi. Tinsewx isimkom u età, u isem l-annimal jew pjanta.



**VENEWWA ta' l-iXPRUNI**
Darryl Debono 8



**ĊINJU**
Bernice Schembri 11



**MERILL**
Carl Caruana 9



**ALBATROSS**
Clayton Bezzina 13



**SIĠRA tar-RIĊNU**
Arnold Sciberras 17



**FRIEFET il-LEJL**
Nicole Inguanez 10



**DAQQUQA**
Jürgen Pavanello 13

**PELLIKAN**
Christian Buttiġieġ 12



**DEINONYCHUS**
Duncan Vella 10

# Tisliba

It-tweġibiet tat-tisliba ssibuhom kollha f'din il-harġa tal-*Huttafa*. Ibaghtu t-tweġibiet fuq karta, jew skenjaw it-tisliba u ibaghtuhielna bl-imejl. Tqattghux il-magażin! Min jirbah jirċievi l-ktieb *Ghasafar Madwarna*. Ċans ghandkom sa **31 Mar 2006**.

Desirée Falzon




MIMDUDIN
2 Il-wildebeest jaqsmu din ix-xmara (p11)
4 Bil-flus tal-Mixja 2005 xtrajna dawn (p6)
6 F'dal-post sabu ġenna ta' l-art (p4)
9 Park enormi fit-Tanżanija (p11)
11 Din tnewwah bil-lejl ma' l-irdum (p3)
12 X'hemm fir-ritratt il-kbir? (p2)
15 Fejn morna nhawlu f'Jannar? (p6)
16 Wahda mis-siġar li hawwilna fil-Foresta (p6)

WEQFIN
1 B'din qed imutu ż-żrinġijiet (p4)
2 Fejn juri r-ritratt tal-pajsaġġ? (p9)
3 Il-kuluvert tas-salib huwa tip ta' _____ (p2)
5 Denb din ikun itwal minn tal-hawwiefa (p5)
7 Reġghet instabet tikber f'Ta' Ċenċ (p3)
8 Hawnhekk se tispiċċa l-Mixja (suppliment)
10 Siġra ohra li hawwilna fil-Foresta (p6)
13 Daqshekk fih speċi *Ghasafar Madwarna* (p5)
14 *Red* _____ *Book* fih lista ta' flora u fawna rari (p3)




Ir-rebbieh ta' Tisliba 71 huwa **Jeremy Muscat** miż-Żejtun. Prosit Jeremy! Il-ktieb dalwaqt ikun ghandek.

# FAL

**Żgħażagħ BirdLife Malta**



## Ħolma li għad isseħħ?

Ħbieb Falkuni,

Bdejna sena ġdida, b'tama qawwija aktar minn qatt qabel li għad naslu biex naraw il-kaċċa titwaqqaf fir-rebbiegħa!

Hekk hu. F'Jannar li għadda l-BirdLife bagħtet rapport dettaljat lill-Kummissjoni Ewropea. F'dar-rapport spjegajna kif l-iskużi li Malta qed iġġib biex tħalli l-kaċċa fir-rebbiegħa ma jagħmlux sens. Il-gamiema u s-summiena (li l-kaċċaturi jridu jisparaw fuqhom fir-rebbiegħa) huma għasafar li qed jonqsu bl-ikraħ mid-dinja. Għalhekk importanti li HADD ma jitħalla jaqbad jew joqtol lanqas waħda, speċjalment fir-rebbiegħa meta dawn l-għasafar ikunu sejrin jibnu l-bejta u jrabbu familja.

Il-BirdLife se tkompli tinsisti mal-Kummissjoni, u jien nispera li fl-aħħar jifhmuna u jisimgħu minna.

Tal-ġenn hux! Meta jasal dak il-jum, inkunu fl-aħħar nistgħu ngawdu l-għasafar minn fejn irridu (kważi, għax għalissa l-insib għadu ma spiċċax), fil-widien, ma' l-irdumijiet, max-xtut u fuq ix-xagħri. X'ħolma tal-ġenn! Imma naslu... xi darba naslu.

Intom ukoll tistgħu tgħinu biex naslu aktar malajr. Kull interess li turu fl-għasafar jgħin, għax juri lin-nies u lill-gvern li f'Malta qed jikber l-apprezzament VERU lejn l-għasafar li jpassu u jbejtu Malta. Daħħlu l-ħbieb membri u ġibuhom il-ħarġiet! Kull attività hija esperjenza unika. Saħħiet.

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko



**Jirnexxilna tgħid?**










**Ħajk bir-roti** (Mosta [illegible] 21 Jan 2006)
Simon Sultana

### Minn **Mġarr** sa **Mġarr**

**Is-Sibt 25 Frar 2006**
Ħa nimxu madwar il-kosta tan-nofsinhar ta' Għawdex. Nibdew mill-iMġarr u nibqgħu mixjin sa Mġarr ix-Xini. Dawn huma nħawi sbieħ għax għadhom mhumiex żviluppati. Minħabba x-xita li għamlet dix-xitwa, għandu jkun hemm tapit aħdar folt ta' pjanti mal-ġnub ta' l-għoljiet.
Niltaqgħu: **7.30am Valletta** (ħdejn tal-ħalib) jew **8.30am iċ-Ċirkewwa**
Età: **Falko (13yr+)**

### Mix-**Xagħra** sa **Ta' Ċenċ**

**Is-Sibt 11 Marzu 2006**
Mixja oħra f'Għawdex, din id-darba mix-Xagħra sa Ta' Ċenċ. F'Ta' Ċenċ sa naraw x'jgħix bħal insetti, pjanti u naturalment għasafar. Ta' Ċenċ jinsab mhedded mill-iżvilupp u aħna sejrin biex nifhmu ftit aħjar għaliex dan il-post huwa iktar importanti għan-natura milli għall-vilel u l-lukandi.
Niltaqgħu: **7.30am Valletta** (ħdejn tal-ħalib) jew **8.30am iċ-Ċirkewwa**
Età: **Falko (13yr+)**

### Seawatching il-**Qammieħ**

**Is-Sibt 25 Marzu 2006**
Se nagħmlu naqra seawatching il-Qammieħ. Il-Qammieħ huwa wieħed mill-aħjar postijiet għal dan it-tip ta' berdwoċing. Kif inkunu hemm nagħmlu xi mixja żgħira wkoll.
Niltaqgħu: **6.30am iċ-Ċirkewwa**
Età: **Falko (13yr+)**



# il-pajsaġġ

Elisabeth Conrad

Kultant ikollna t-tendenza nanalizzaw u nirriduċu kollox f'affarijiet żgħar. Meta nagħmlu dan nistgħu nitilfu l-perspettiva u ninsew naraw dik li ngħidulha l-*bigger picture*, il-kuntest il-kbir. Spiss nitkellmu fuq il-valur ta' din il-pjanta jew ta' dak l-għasfur, u kultant ninsew naħsbu wkoll fuq l-importanza tal-pajsaġġ li fih jinsabu dawn il-ħlejjaq.

## ideat

Il-pajsaġġ (bl-Ingliż *landscape*) ifisser affarijiet differenti għal nies differenti. Min iqis il-pajsaġġ bħala xeni sbieħ, min iħares lejn in-natura, u min lejn aspetti kulturali. Però naħseb ilkoll naqblu li hemm pajsaġġi li nixtiequ nkomplu ngawdu fil-futur. Jekk naħsbu fil-Gżejjer Maltin, forsi jiġu f'moħħna għelieqi mtarrġin bil-ħitan tas-sejjieħ, jew ix-xatt bil-blat naturali. Nistgħu naħsbu f'pajsaġġi iktar urbani, per eżempju l-Port il-Kbir b'dawk is-swar għoljin, jew l-iMdina. Ilkoll għandna perspettivi u opinjonijiet differenti, u ta' kulħadd huma validi.

## theddid

Hemm diversi forom ta' żvilupp qed jheddu l-pajsaġġ li nafu u ngħożżu.

Nistgħu nsemmu l-bini tiela' bla rażan u bla sensittività għall-kuntest li fih jinsab.

Jew il-barrieri li tant iħallu impatt kbir fuq il-pajsaġġ ta' madwarhom.

Jew insemmu l-qerda tax-xagħri meta jordmuh bil-ħamrija. Jew il-vizzju li jużaw tankijiet imsaddin flok ħitan tas-sejjieħ.

Biex ma nsemmux ir-rimi ta' skart fil-kampanja, li mhu żvilupp xejn imma vandaliżmu pur. L-eżempji ma jonqsux!

## importanza

Ir-riżultat hu li il-pajsaġġ innifsu jisfa mhedded daqs il-pjanti u l-annimali. Il-pajsaġġ importanti għalina lkoll, anke għal min mhux ambjentalist. Ilkoll nitpaxxew b'veduta sabiħa, u ħafna nies jorbtu l-kultura tagħhom mal-pajsaġġ ta' madwarhom. Il-pajsaġġ huwa importanti wkoll għar-rikreazzjoni - ħafna familji joħorġu dawra fil-kampanja nhar ta' Ħadd. U niftakru kemm pajjiżna jiddependi mit-turiżmu. Jekk neqirdu l-pajsaġġ, x'se noffrulu lit-turist?

## soluzzjonijiet

Mhemmx soluzzjonijiet sempliċi. Jogħġobna jew ma jogħġobniex, ċertu żvilupp huwa ta' bżonn għall-ekonomija ta' kull pajjiż. Ma nistgħux ngħaddu bla bini u bla barrieri.

Però nistgħu nnaqsu l-impatti fuq il-pajsaġġ. Il-bini jista' jsir b'mod li jaqbel mal-post fejn jinsab, u l-barrieri nistgħu nimlewhom u nirranġawhom wara li dawn ikunu nħlew. Ir-rimi ta' skart fil-kampanja għandu jiġu trattati bl-iktar mod aħrax.

Irridu nagħrfu li l-pajsaġġ fih innifsu huwa parti important mill-wirt naturali u kulturali ta' kull pajjiż, u għandna nagħmlu minn kollox biex inħarsuh.






# Sibtha fix-Xibka!

## Websajts fuq in-natura mill-internet




Sur ditektif, solvi l-misteri u tgħallem kif tipproteġi l-ambjent. Agħmel esperimenti li bihom tara kif ittniġġis isib ruħu fix-xmajjar u fil-baħar. Ħabbel rasek permezz ta' tisliba dwar ir-riċiklaġġ. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kwiżż ambjentali.







Inkella sib sett tpenġijiet li fihom in-nies qed jagħmlu affarijiet differenti; ikklikkja fejn taħseb li xi ħadd qed jagħmel xi ħaġa ħażina u ara x'jiġri.



U jekk tħobb l-istejjer bl-istampi, aqra t-*Tale of Lucy Lake* biex tkun taf x'inhi *acid rain*.




**issibuha f'dan l-indirizz:**
**http:// www.epa.gov/students/kids/atozindex**

Dan kollu u ħafna aktar tistgħu tagħmluh jekk tidħlu f'dan is-sajt.



**Janet u Amy Gerardi**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb int tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **15-il punt fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mat-**Lm3** tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ______________________
indirizz ______________________
______________________ postcode
data tat-twelid ________ telefon ________ imejl ________
liema skola jattendi ______________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ______________________
indirizz ______________________
______________________ postcode
membership number ________ telefon ________ imejl ________
liema skola tattendi ______________________

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew inkella 43 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

# SERENGETI



kitba u ritratti ta' **Alison Buttiġieġ**

**Is-Serengeti huwa probabilment l-iktar park nazzjonali magħruf fid-dinja. Mifrux fuq medda art enormi bejn it-Tanżanija u l-Kenja (il-parti tal-Kenja tissejjaħ Maasai Mara) dan il-park joffri spettaklu Afrikan mill-isbaħ, b'numru kbir ta' annimali u xenarju tal-ġenn.**



Fis-Serengeti jgħixu maż-żewġ miljun wildebeest, nofs miljun Thomson's gazelle, u kwart ta' miljun żebra fost ħafna speċi ta' annimali u pjanti oħrajn. Id-diversità ta' ħajja mhijiex sorpriża meta tikkunsidra x'varjetà ta' ħabitati hemm: pjanuri sa fejn tara l-għajn, savanna, msaġar, għoljiet, fillieri ta' muntanji vulkaniċi, xmajjar u għadajjar fost l-oħrajn.

L-ekosistema tas-Serengeti hija waħda mill-iktar kumplessi, mhux mittiefsa u qodma fid-dinja. Jingħad li ftit li xejn inbidlet f'dawn l-aħħar miljun sena! Ċerti annimali u l-istil ta' ħajja tagħhom ilhom jeżistu daqs kemm ilhom jeżistu l-għoljiet infushom.

Li jagħmel dal-post daqshekk speċjali huwa kemm huwa faċli tosserva l-ħajja ta' l-annimali, speċjalment l-imġiba bejn predaturi u priża. Fost il-predaturi nsibu ljuni, leopardi, ċita, jeni, kukkudrilli u mangusti (mongoose).




(għall-paragun)

Imma l-ikbar spettaklu tas-Serengeti hija l-famuża passa tal-wildebeest. Dawn ipassu f'mases enormi, dejjem ifittxu l-ilma u l-ħaxix. Dawn il-vjaġġi twal m'huma xejn faċli, għax fi triqthom il-wildebeest (jew gnu) isibu predaturi imġewħin lesti għalihom. Il-predaturi jattakkaw dejjem l-iktar individwi dgħajfa: xjuħ, morda, feruti jew frieħ. Tidher ħaġa kiefra, imma huwa b'dan il-mod li n-natura tiżgura li l-iktar annimali b'saħħithom jibqgħu ħajjin.

L-ikbar ostaklu fil-passa tal-gnu hija meta jaslu biex jaqsmu x-xmara Mara. Id-dgħajfin jew jegħrqu jew jispiċċaw *take-away* għall-kukkudrilli li jkunu qed jistennewhom bi ħġarhom!



wildebeest





ljun


BirdLife
MALTA
Hekk sabiħ in-narċis!
...mela ġo važett?!